# Il-kordinament internazzjonali

FIL-AĦĦAR żewġ artikli tiegħi tajt tagħrif ġenerali li huwa importanti li wieħed ikun jaf. Dan kien jikkonċerna d-drittijiet u l-obbligi li ċ-ċittadin għandu (i) meta japplika għal xi benefiċċju jew pensjoni u (ii) f'każi fejn dak li jkun jitħallas benefiċċju żejjed, kif ukoll (iii) id-dritt li kull applikant għandu li jappella minn kwalunkwe deċiżjoni li jkun ħa d-Dipartiment.

Illum se nibda nagħti ħarsa lejn il-qasam tal-kordinament internazzjonali, qasam li f'dak li huwa sigurtà soċjali ilu jiżviluppa f'pajjiżna sa minn nofs is-snin 50 u li issa laħaq il-qofol tiegħu bid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.

### Il-ħtieġa għal kordinament internazzjonali

Minn tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn, il-mobilità fid-dinja żdiedet sostanzjalment. In-numru ta' nies li bdew jemigraw minn pajjiż għal ieħor, beda jiżdied b'ritmu mgħaġġel ħafna. Dan żied mhux ftit il-ħtieġa biex il-protezzjoni soċjali li dawn in-nies igawdu f'pajjiżhom tkun estiża barra t-territorju ta' pajjiżhom.

B'mod ġenerali, il-liġijiet nazzjonali tas-sigurtà soċjali ma jikkonsidrawx il-fatt li persuna assigurata taħt skema nazzjonali tas-sigurtà soċjali ta' pajjiż, jista' jkun li kienet ukoll assigurata taħt skema ta' pajjiż ieħor. Fil-fatt, min-natura tagħhom, l-iskemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali huma mibnijin biex joffru protezzjoni soċjali liċ-ċittadini tagħhom biss (fuq bażi ta' nazzjonalità) u fit-territorju tal-pajjiż tagħhom biss.

L-applikazzjoni stretta ta' dawn il-prinċipji żgur li toħloq problemi fejn għandek sitwazzjonijiet ta' ħaddiema jew ċittadini li jkun għexu u ħadmu f'aktar minn pajjiż wieħed. L-istess jekk tkun f'pajjiż ieħor sempliċiment għal vaganza, speċjalment jekk tiġi bżonn kura medika ta' emerġenza. Il-kordinament internazzjonali allura huwa meħtieġ biex jassigura li d-drittijiet soċjali li wieħed ikun bena f'pajjiż ma jitlifhomx meta jmur f'pajjiż ieħor, kemm temporanjament u wkoll għal kollox.

Mingħajr kordinament internazzjonali bħal dan, ħaddiema li jaħdmu f'aktar minn pajjiż wieħed matul ħajjithom jistgħu jitilfu d-drittijiet tagħhom għal pensjoni, benefiċċji tal-familja, kura medika u benefiċċji tal-qgħad jekk jiġu qegħda u jirritornaw lura lejn pajjiżhom. Għalhekk jinħtieġu miżuri bilaterali u/jew multilaterali li jikkordinaw dawn il-materji, tas-sistemi tas-sigurtà soċjali varji, internazzjonalment.

### Strumenti internazzjonali ta' kordinament

Wieħed jista' jgħid li, anke jekk il-mobilità fid-dinja żdiedet sostanzjalment minn tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn, sa minn ħafna qabel diġà beda jinħass il-bżonn ta' kordinament internazzjonali. Fil-fatt l-ewwel ftehim bilaterali internazzjonali bħal dan imur lura għall-bidu tas-seklu 20, preċiżament għall-15 ta' April, 1904, meta kienet iffirmata l-Konvenzjoni Franko-Taljana.

Minħabba li dawn iż-żewġ pajjiżi jmissu ma' xulxin, u allura ċ-ċittadini taż-żewġ pajjiżi kienu jaqsmu l-fruntiera spiss anke biex jemigraw lejn il-pajjiżi rispettivi, kienet inħasset il-ħtieġa ta' din il-konvenzjoni li kienet tikkonċerna l-korrimenti fuq ix-xogħol, il-fondi tal-pensjonijiet u l-assigurazzjoni fuq il-qgħad. Minn dakinhar 'il quddiem kienu diversi l-konvenzjonijiet internazzjonali li ġew iffirmati, inkluż minn Malta, kif se nkun qed nispjega dalwaqt.

Dawn il-konvenzjonijiet huma bbażati fuq ħames prinċipji jew drittijiet fundamentali għat-tħaddim tagħhom. Dawn huma (i) t-totalizzazzjoni (jew agregazzjoni), (ii) il-portabilità, (iii) il-leġiżlazzjoni applikabbli, (iv) it-trattament ugwali, u speċjalment fil-każ tal-ħlas ta' pensjonijiet, (v) id-dritt għal ħlas pro-rata. Dwar dawn x'ifissru nitkellem aktar 'il quddiem.

### L-iżvilupp tal-kordinament internazzjonali f'Malta

Minkejja ċ-ċokon ta' pajjiżna u l-popolazzjoni żgħira tagħna, il-Maltin sa mill-inqas it-tmiem tad-19-il seklu, kienu diġà bdew jemigraw lejn pajjiżi oħrajn, bit-tama li jibnu ħajja ġdida u aħjar, anke jekk bogħod minn xtuthom. Il-Maltin bdew jemigraw lejn diversi pajjiżi differenti u 'l bogħod minna.

Ir-ritmu tal-emigrazzjoni Maltija kien laħaq il-qofol tiegħu fis-snin 50 u 60, b'eluf ta' Maltin u Għawdxin jerħulha lejn pajjiżi barranin għal kollox. Bla dubju l-aktar erba' pajjiżi li l-Maltin emigraw lejhom kienu l-Awstralja, il-Kanada, l-Istati Uniti u r-Renju Unit.

Aktar tard imbagħad, meta r-ritmu tal-emigrazzjoni minn Malta naqas drastikament, anzi numru minn dawk li kienu emigraw qabel bdew jirritornaw lura, il-ftit Maltin li bdew jemigraw bdew imorru lejn pajjiżi oħrajn Ewropej bħall-Italja, Franza, il-Ġermanja u xi ftit anke sal-pajjiżi Nordiċi.

F'dak li huwa impjieg barra l-pajjiż, bla dubju ta' xejn l-aktar pajjiż imfittex mill-Maltin biex jaħdmu fih, anke minħabba li hu viċin tagħna ġeografikament, kien il-Libja. It-tisħiħ tar-relazzjonijiet ma' dan il-pajjiż fis-snin 70 għamilha possibbli biex ħafna Maltin imorru jaħdmu hemm u wieħed jista' jgħid li dan il-fenomenu kien għadu predominanti sa ftit tal-ġimgħat ilu, sakemm faqqgħet il-kriżi fil-Libja u kważi l-Maltin kollha kellhom jirritornaw lura pajjiżna.

Anke jekk fuq skala iżgħar, lejn l-aħħar tas-snin 90 beda jiżdied ukoll in-numru ta' Maltin li jmorru jaħdmu fuq riggijiet taż-żejt fl-Olanda, preċiżament fil-Baħar tat-Tramuntana.

Fil-kuntest ta' dan kollu, żgur li mhix sorpriża li l-konvenzjonijiet internazzjonali li Malta ffirmat matul is-snin kienu ma' ħafna mill-pajjiżi li semmejna. Fil-fatt, il-ftehim bilaterali internazzjonali tas-sigurtà soċjali li Malta ffirmat matul dawn l-aħħar 55 sena kienu mar-Renju Unit, l-Awstralja, il-Kanada, l-Olanda u l-Libja.

Il-ftehim mal-Libja huwa differenti ħafna fin-natura tiegħu minn dawk iffirmati mal-erba' pajjiżi l-oħrajn. Filwaqt li fil-każ tal-ftehim mal-Libja, dan jikkonċerna primarjament il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, fil-każ tal-ftehim l-ieħor dan jikkonċerna numru ta' benefiċċji soċjali, primarjament il-pensjonijiet kontributorji.

### Il-ftehim mar-Renju Unit

Il-ftehim reċiproku li Malta għandha mar-Renju Unit ilu li daħal fis-seħħ mis-7 ta' Mejju, 1956 (mat-twelid tal-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali). Il-ftehim kien rivedut fl-1 ta' Settembru, 1996.

Minħabba li r-Renju Unit iħaddem sistema kontributorja simili għal ta' Malta, ma kienx daqshekk diffiċli li wieħed jikkordina ż-żewġ sistemi. Fil-fatt il-ftehim mar-Renju Unit ikopri wkoll il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet fil-każ ta' persuni residenti f'Malta u jaħdmu fir-Renju Unit jew viċi-versa.

Il-ftehim jipprovdi wkoll għal ħlas ta' benefiċċji, fejn minbarra li jkopri l-pensjonijiet kontributorji kollha (tal-irtirar, tal-invalidità, u tar-romol) ikopri wkoll il-benefiċċji kontributorji għal żmien qasir bħal tal-mard, tal-qgħad u korriment fuq il-post tax-xogħol.

### Il-ftehim mal-Awstralja

Il-ftehim reċiproku li Malta għandha mal-Awstralja ilu li daħal fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 1991. Minħabba li l-Awstralja tħaddem sistema tas-sigurtà soċjali bbażata fuq ir-residenza u fuq test tal-mezzi, il-ftehim jipprovdi li għall-fini tal-kordinament, residenza fl-Awtralja għandha titqies bħala perjodu kontribitorju f'Malta u viċi-versa perjodu kontributorju f'Malta



jitqies bħala residenza fl-Awstralja għal fini tas-sigurtà soċjali. Il-ftehim ikopri l-pensjonijiet kontributorji kollha (tal-irtirar, tal-invalidità, u tar-romol), għalkemm fil-każ tal-Awstralja biss m'għadhiex titħallas pensjoni tar-romol taħt dan il-ftehim ħlief lil dawk li diġà kienu qed jirċevuha fl-1997 jew qabel.

### Il-ftehim mal-Kanada

Il-ftehim mal-Kanada daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu, 1992, u jkopri wkoll lil residenti ta' Quebec. Il-Kanada għandha sistema ta' sigurta soċjali doppja – waħda kontributorja u oħra bbażata fuq residenza u li tkopri lil min ikun laħaq ċerta età. L-istess bħalma jsir f'kull ftehim reċiproku, il-ftehim bejn Malta u l-Kanada jaħseb biex fejn hemm residenza u/jew perjodu kontributorju fil-Kanada jitqies bħala perjodu kontributorju f'Malta u viċi-versa.

Il-ftehim jipprovdi wkoll għal ħlas ta' benefiċċji fejn ikopri l-pensjonijiet kontributorji kollha u anke benefiċċji tal-orfni u dawk imħallsin mal-mewt. L-istess bħal ftehim mar-Renju Unit, il-ftehim mal-Kanada ikopri wkoll il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet fil-każ ta' persuni residenti f'Malta u jaħdmu fil-Kanada jew viċi-versa.

### Il-ftehim mal-Olanda

Il-ftehim mal-Olanda daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2003. Dan huwa simili ħafna għal ftehim mar-Renju Unit anke jekk l-Olanda għandha sistema ta' sigurtà soċjali pjuttost differenti. Il-ftehim ikopri, fil-każ ta' Malta, il-pensjonijiet kontributorji kollha, il-benefiċċji tal-mard u tal-maternità, tal-qgħad u l-allowance tat-tfal inkluż dik għal tfal b'dizabilità. Fil-każ tal-Olanda, ikopri l-assigurazzjoni fuq is-saħħa (benefiċċji fi flus għal mard jew maternità), l-assigurazzjoni fuq dizabilità għal min hu impjegat u għal min jaħdem għal rasu, l-assigurazzjoni fuq il-qgħad, u l-pensjonijiet tal-età u tar-romol.

### Il-ftehim mal-Libja

Il-ftehim mal-Libja mhux wieħed reċiproku, fis-sens li ma joperax fuq l-istess kriterji stabbiliti fil-ftehim l-oħrajn li semmejna. L-ewwel ftehim ma' dan il-pajjiż kien ġie ffirmat fil-5 ta' Ottubru, 1972, iżda dan kien ġie mibdul minn ieħor ġdid li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar, 1990. Ta' min isemmi li l-ewwel ftehim qatt ma kien tħaddem fil-prattika minħabba diversi problemi li kien hemm.

L-ewwel ftehim kien jaħseb biex kontribuzzjonijiet imħallsin minn ħaddiema Maltin fil-Libja kienu jgħoddu għas-sistema tas-sigurtà soċjali ta' Malta. Madankollu t-tieni ftehim bidel dan il-kunċett u beda jaħseb biex ebda ħaddiem Malti ma jħallas kontribuzzjonijiet fil-Libja iżda minflok iħallas il-kontribuzzjonijiet f'Malta.

### Il-prinċipji tal-kordinament internazzjonali

Tajjeb issa li nispjega xi ftit kif jaħdem dan il-ftehim bilaterali (bl-eċċezzjoni ta' dak tal-Libja, li kif għedt huwa differenti fin-natura tiegħu) u fuq liema prinċipji huma bbażati. Kif għedt aktar qabel, il-kordinament tas-sistemi tas-sigurtà soċjali ta' żewġ pajjiżi marbutin bi ftehim reċiproku hija essenzjali biex tipprovdi protezzjoni soċjali adegwata lil ħaddiema li jkunu emigraw lejn il-pajjiżi rispettivi.

Bis-saħħa tat-tħaddim tal-prinċipji li semmejt aktar qabel, u li issa se nkun qed nispjega x'inhuma fi ftit aktar dettall, Malta mexxielha li tikkordina s-sistema tas-sigurtà soċjali tagħha ma' ta' pajjiżi oħrajn, mhux biss mar-Renju Unit li għandhom sistema simili għal tagħna iżda anke ma' dawk li għandhom

*IMPORTANTI: L-informazzjoni li qed tingħata f'din ir-rubrika mhijiex intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna www.socialsecurity.gov.mt, tibgħat imejl fuq social.security@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella iċċempel fuq in-numri 159 jew 25903000.*

14,15orTue.indd 2 4/18/11 5:59:58 PM



sistema għal kollox differenti minn tagħna, bħall-Awstralja u sa ċertu punt il-Kanada u l-Olanda.

Iżda x'inhuma l-prinċipji fundamentali li Malta tapplika fit-tħaddim ta' dawn il-ftehim bilaterali li semmejna (minbarra dak mal-Libja)?

1. Totalizzazzjoni (jew aggregazzjoni): Dan il-prinċipju jgħin lil persuna li tilħaq il-perjodu minimu ta' assigurazzjoni li għandha bżonn f'xi skema ta' pajjiż firmatarju tal-ftehim biex tikkwalifika għal xi benefiċċju jew aktar. Bħala eżempju, jekk Malti li għal xi żmien ħadem u ħallas il-kontribuzzjoni f'pajjiżna mbagħad emigra ngħidu aħna lejn l-Awtralja u ma laħaqx ħallas biżżejjed kontribuzzjonijiet f'Malta biex jikkwalifika għal pensjoni, dan il-prinċipju jaħseb biex il-perjodu li dan il-Malti għamel jgħix l-Awstralja jgħoddlu qisu ħadmu f'Malta u ħallas il-kontribuzzjoni. Fi kliem ieħor, dan il-prinċipju jgħin biex jimtlew perjodi neqsin mill-kontribuzzjonijiet u allura l-persuna tkun intitolata għall-pensjoni, illi kieku ma jkunx għal ftehim bħal dan, ma jkollhiex dritt għaliha. Bl-istess mod, dan ikun japplika wkoll għall-pajjiż l-ieħor li Malta ikollha l-ftehim reċiproku miegħu (ara wkoll punt 5);

2. Portabilità: Ftehim reċiproku jassigura li l-pensjonijiet jitħallsu anke barra l-pajjiż. Mela bħalma persuna li għandha dritt li titħallas il-pensjoni minn Malta din tirċeviha anke jekk ma tkunx qed tgħix Malta, l-istess isir mill-pajjiż l-ieħor li miegħu ikun sar il-ftehim. Dan huwa importanti ħafna, speċjalment fil-kuntest ta' pensjonijiet li l-ħlas tagħhom hu bbażat fuq ir-residenza u li normalment bniedem ma jibqax jirċievi din il-pensjoni jekk ma jibqax jgħix f'dak il-pajjiż.

Bis-saħħa tal-ftehim, il-pensjoni tibqa' titħallas anke jekk eżempju Malti jkollu dritt għal pensjoni mħallsa taħt il-ftehim u jitlaq mill-Awstralja u l-Kanada u jiġi lura Malta. Il-kriterju tar-residenza ma jiġix applikat f'dan il-każ dejjem sakemm il-pensjoni tkun qed titħallas taħt id-dispożizzjonijiet tal-ftehim reċiproku.

3. Il-leġiżlazzjoni applikabbli: Ftehim bħal dan jistabbilixxi wkoll liema għandha tkun il-leġiżlazzjoni applikabbli f'każi fejn persuna kienet jew qiegħda taħdem f'pajjiż iżda tgħix f'ieħor. Allura dan jirregola f'liema pajjiż għandhom, bħala eżempju, jitħallsu l-kontribuzzjonijiet biex ma jkunx hemm ħlas doppju għall-istess impjieg. Jistabbilixxu wkoll f'liema ċirkostanzi jitħallsu l-benefiċċji u mill-liema pajjiż.

4. Trattament ugwali: Ftehim reċiproku bejn żewġ pajjiżi, biex jitħaddem sew, jiggarantixxi li l-persuni li jgħixu f'pajjiż firmatarju tal-ftehim jiġu ttrattati l-istess bħal dawk li jgħixu fil-pajjiż l-ieħor firmatarju u viċi-versa fl-aspetti kollha tas-sigurtà soċjali li jkunu stipulati fl-istess ftehim.

5. Drittijiet pro-rata: Bħala strument legali, ftehim reċiproku bħal dan jiddefenixxi l-mod kif il-pajjiżi firmatarji iħallsu l-benefiċċji u b'liema rati. Dawn jiġu applikati l-aktar meta persuna ma jkollhiex biżżejjed kontribuzzjonijiet, perjodi ta' assigurazzjoni jew residenza f'pajjiż wieħed biex tibbenefika minn xi benefiċċju jew pensjoni f'dak il-pajjiż u jkollha tirrikorri għal kontribuzzjonijiet, perjodi ta' assigurazzjoni jew residenza li jkollha fil-pajjiż l-ieħor firmatarju bis-saħħa tal-prinċipju tat-totalizzazzjoni (ara wkoll punt 1).

Naturalment, jekk ikollha biżżejjed kontribuzzjonijiet, perjodi ta' assigurazzjoni jew residenza f'dak il-pajjiż, hija titħallas ir-rata sħiħa ta' pensjoni dovuta.

Iżda meta ma jkollhiex biżżejjed, il-kontribuzzjonijiet, perjodi ta' assigurazzjoni jew residenza li l-persuna jkollha fit-tieni pajjiż jitqiesu daqslikieku kienu fl-ewwel pajjiż u jiġu magħdudin flimkien. Dan iżda effettivament kull ma jistabbilixxi hu dik li tissejjaħ ir-rata ta' pensjoni teoritika – fi kliem ieħor ir-rata li kieku kienet titħallas biha l-kontribuzzjonijiet, perjodi ta' assigurazzjoni jew residenza totalizzati flimkien kienu kollha fl-ewwel pajjiż. L-ewwel pajjiż imbagħad jistabbilixxi r-rata proprja fuq bażi pro-rata li tkun proporzjonali skont il-kontribuzzjonijiet, perjodi ta' assigurazzjoni jew residenza fl-ewwel pajjiż imqabblin mal-kontribuzzjonijiet, perjodi ta' assigurazzjoni jew residenza totali fiż-żewġ pajjiżi. F'dan il-



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

każ it-tieni pajjiż jagħmel l-istess u jħallas il-parti tiegħu wkoll.

Biex nagħtu eżempju sempliċi, jekk persuna ħadmet u ħallset il-kontribuzzjonijiet għal ħames snin f'Malta mbagħad emigrat lejn l-Awstralja u ħadmet u għexet hemm għal 35 sena, Malta tħallas pensjoni bbażata fuq il-proporzjon ta' ħames snin (f'Malta) diviż b'40 sena (f'Malta u l-Awstralja).

Naturalment l-Awstralja tħallas il-pensjoni bbażata fuq il-35 sena l-oħrajn li l-persuna tkun għexet u ħadmet hemm.

### Malta fl-Unjoni Ewropea

Għalkemm il-ftehim bilaterali li għandna mal-Awstralja u l-Kanada, u sa ċertu punt mal-Libja anke jekk bl-inċertezza li hemm f'dan il-pajjiż, għad għandhom l-istess relevanza li kellhom qabel, mhux l-istess jista' jingħad għal dawk li Malta għandha mar-Renju Unit u l-Olanda. Dan għax bid-dħul ta' Malta fl-UE, il-kordinament internazzjonali tas-sigurtà soċjali isir primarjament bis-saħħa ta' regolamenti apposta li joperaw fuq bażi multilaterali u li huma bbażati xi ftit jew wisq fuq l-istess prinċipji li fuqhom huma msawrin il-ftehim bilaterali li semmejt aktar qabel. Fil-fatt, fil-ġimgħat li ġejjin se nittratta appuntu l-iżvilupp importanti f'dak li hu l-kordinament internazzjonali tas-sigurtà soċjali f'Malta bid-dħul ta' pajjiżna fl-UE.

Sadanittant ħmistax oħra, se nkun qed nagħti tagħrif dwar numru ta' attivitajiet li d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali se jkun qed jorganizza fl-okkażjoni tal-55 sena mill-bidu tas-sigurtà soċjali kif nafuha llum f'pajjiżna (7 ta' Mejju, 1956 – 2011).

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

**Paġna Sigurtà Soċjali,**
**l-orizzont,**
**A41 Qasam Industrijali,**
**Marsa, MRS3000**

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fuq* **ittri@unionprint.com.mt**.
*Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*

14,15orTue.indd 3 4/18/11 6:00:17 PM